


L-armar fl-injam li naraw fil-festi Maltin ivarja minn dak antik li ħafna minnu jmur lura għal nofs is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Insibu wkoll opri ġodda artistiċi li saru f'dawn l-aħħar snin u li huma magħmula minn materjal iktar adatt għall-elementi. L-injam huwa riżors naturali ħaj. Dan ifisser li jibqa' jkollu movimenti skont l-elementi li għalihom ikun espost. Ħafna mill-festi jsiru fil-jiem sħan tas-sajf, u għalhekk, l-armar ikun espost għall-ħinijiet twal fix-xemx tisreġ għal minn tal-inqas tliet ġimgħat.

Dan iwassal sabiex minn żmien għal żmien ikun jeħtieġ li jsir xogħol ta' manutenzjoni fl-armar li jvarja minn tiswija ta' daqqiet, bdil ta' injam, mili ta' xpakki fl-injam, u żebgħa mill-ġdid.

## Il-proċess

It-trattament fuq l-injam jibda billi jinfetħu u jitnaddfu l-ixpakki fl-injam. Dan sabiex il-materjal li jkun sa jintuża, jaqbad iktar u jkun aċċertat li dan jimla sewwa l-ixpakki. F'każ ta' xpakki żgħar, dawn jimtlew bi stokk apposta jew polifiller. Jekk ix-xquq ikunu akbar ħafna drabi tintuża l-kolla bajda mħallta ma' serratura fina. Meta titħallat, din tiġi taħlita magħquda iżda ratba li faċilment timla fejn meħtieġ. Iżda meta tagħqad din issir iebsa ħafna. B' hekk tkun tiflaħ għall-elementi.

Illum, daħlet ukoll l-użanza li jintuża materjal ieħor bħall-hard metal bil-hardener. Ta' min wieħed jgħid li r-riżultat huwa pjuttost aħjar minn sellatura u dan għaliex bil-hard metal ma jkollokx għalfejn terġa' tirfina. Iżda t-taħlita tas-sellatura u l-kolla taqbad iktar peress li fiha l-istess elementi tal-injam.

F'każ fejn tintuża s-sellatura, l-ixpakki ma jimtlewx għal kollox sabiex fil-wiċċ, ikun irid jerġa' jiġi stokkjat bil-fine surface, u dan sabiex ix-xquq jingħalqu għal kollox u jkunu lesti għaż-żebgħa.


Waqt il-proċess tal-undercoat li jservi sabiex l-uċuħ tal-injam ikunu preparati

### Bdil ta' njam

L-opri tal-armar jinkorporaw fihom dawk li jgħidulhom gwarniċi li jsiru sabiex jagħtu dehra artistika u joħolqu dawk li jissejħu panewijiet. Dawn ikunu aktar suġġetti għal daqqiet, speċjalment jekk ikunu fuq in-naħa ta' isfel tal-armar fejn il-gwarniċ iħabbat mal-bażi ta' taħt. Għalhekk, ikun hemm il-bżonn li minn żmien għal żmien partijiet minn dawn il-gwarniċi jinbidlu. L-ewwel li jsir hu li tinqata' l-parti li tkun trid tinbidel u tkun mibdula mill-parti l-ġdida fejn din titwaħħal bil-viti u bil-kolla l-bajda.

Jaf ikun meħtieġ ukoll li jissamru xi taċċi rqaq (mhux ħoxnin) sabiex il-parti l-mibdula tkun aktar soda. Hekk kif din tinxef, tkun stukkjata sabiex jingħalqu x-xquq u tingħata ż-żebgħa.

Daqqiet oħra fuq l-armar ikunu trattati billi jimtlew bil-fine surface jew hard metal. Huwa importanti li meta jsir dan ix-xogħol, il-materjal iż-żejjed jintmesaħ sabiex meta jinxef jagħmilha aktar faċli għar-restawratur li jixkatla u jmewwet id-daqqa.

## Materjal użat

stokk - fine surface li jkun mħallat
Kolla bajda u sellatura fina
Sand paper 100 u 150 (il-grad ta' kemm tkun raffa)
Universal Primer
Undercoat Abjad

## Il-metodu fil-qosor

L-uċuħ jigu xkatlati u jitnaddaf il-qsim fl-injam. Wara jigi applikat l-istokk fuq it-toqob, daqqiet u xquq zgħar. Għal xquq ikbar, titħallat il-kolla mas-sellatura u jimtlew sew. Wara li jinxef il-materjal jigi applikat il-fine surface. Fl-aħħar l-uċuħ ikunu xkatlati bis-sandpaper u jingħataw żewġ passati undercoat.



Is-sengħa tal-karpenterija tispikka wkoll f'opri ġodda ta' Armar. Dan ir-ritratt juri l-fażi fejn l-uċuħ jibdew jitħejjew għaż-żebgħa. Jispikkaw l-isgoxxijiet, il-gwarniċi u l-panewijiet. Minn idejn id-disinjatur għal taħt idejn il-mastrudaxxa.